MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 471/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Christopher Attard**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 164583(M)], quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli Fit-23 ta' Lulju, 2011 ghall-habta ta' 16.15 hrs waqt li kien fuq il-moll ta' Bugibba nizzel opra tal-bahar (Red Phantom Power Boat) ma kellux fuq bastiment zghir taht dawk ir-regolamenti numru u marki distinti moghtija lilu u murija car hafna fuq il-bastiment zghir b'dak il-mod li l-Awtorita` tordna skond il-klassi li lilha jkun jappartjeni l-bastiment zghir, in-numru u l-marka distinti kjunu l-istess bhala dawk murija fic-certifikat ta' registrazzjoni Reg. 22 (1) u Reg. 45 it-Tielet Skeda Sl499.52.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq opra tal-bahar zghira fl-ibhra interni u territorjali ta' Malta li ma

kelliex tintuza, kemm-il darba dak il-bastiment zghir ma jkunx registrat mal-Awtorita` taht dawn ir-regolamenti jew kemm-il darba dak il-bastiment zghir ma jkunx registrat that l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, jew taht l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd, jew kemm-il darba dak il-bastiment zghir ma jkunx registrat jew dokumentat ghas-sodisfazzjon ta' l-Awtorita` taht il-ligi ta' xi pajjiz iehor li mhux Malta. Reg 3(1), SL 499.52 u Reg. 45 it-Tielet Skeda SL 499.52.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 t'Ottubru, 2012, li biha, wara li rat ir-Regolamenti 22(1) u 45 it-Tielet Skeda SL 499.52 u 3(1), SL 499.52 u Reg. 45 it-Tielet Skeda SL 499.52 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-appellant hati tat-tieni akkuza u ghaldaqstant illiberatu. Sabitu hati tal-ewwel akkuza u ghaldaqstant ikkundannatu multa ta' hames mitt Ewro (€500).
Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta' Ottubru, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant ma nstabx hati tat-tieni akkuza, izda tirrevoka u thassar is-sentenza appellata in kwantu i-appellant instab hati tal-ewwel akkuza, u ghalhekk tillibera lill-appellant mill-ewwel akkuza; subordinatament u f'kaz li din it-talba tigi michuda, l-appellant jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi taghti piena li tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi u li ma tkunx eccessiva, tenendo kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi dan hu kaz mill-aktar genwin fejn l-appellant ma ried li jaghmel xejn kontra l-ligi. Minn ottika ta' dritt, dan hu kaz fejn l-Ewwel Qorti qatt ma setghet issib htija dwar l-ewwel

akkuza. Jirrizulta li semmai, in-nuqqas tal-appellant kien jinkwadra fi htija dwar li l-appellant kellu bastiment zghir mhux registrat - izda mit-tieni akkuza, kif gja premess, l-appellant gie liberat.

L-ewwel akkuza titkellem dwar li l-appellant ma kellux in-numru ta' registrazzjoni mwahhal mad-dghajsa. Mhux bizzejjed li tirregistra dghajsa mal-Awtorita' dwar it-Trasport f'Malta, izda trid ukoll twahhal in-numru ta' registrazzjoni taghha.

Illi jista' jinstab hati tal-akkuza li dwarha nstab hati l-appellant biss min ikun irreqistra dqhajsa izda jkun nagas li jwahhal in-numru ta' reqistrazzjoni hekk lilu moghti mill-Awtorita. Min ma jirregistrax dghajsa, jinstab hati biss tar-reat li jgorr piena oghla u cioe` li ma rregistrax dghajsa u mhux talli ma wahhalx in-numri.
Dan jemergi car mid-dicitura uzata fir-regolament 22 (2) tar-Regolamenti dwar Bastimenti Zghar (AWIZ LEGAL) 183 tal-2008, kit emendat), li jaqra hekk:

*“Persuna reqistrata bhala sid tal-bastiment zghir ghandha tizgura li fi zmien tletin jum mid-data li fiha tkun bdiet issehh ir-registrazzjoni ta' dak il-bastiment zghir, ikun hemm mizbugh b'mod car jew imwahhal fuq xi wicc fuq barra tal-bastiment zghir, jew fuq xi parti ohra tal-bastiment zghir li tista' tigi approvata mill-A wtorità, in-numru u l-marka tar-registrazzjoni, u li dawk il-marki jinzammu f'kondizzjoni tajba u jiggeddu kif ikun mehtieg matul il-perjodu ta' registrazzjoni tal-bastiment zghir.”*

Illi subordinatament ghall-premess, l-appellant jixtieq jirrileva illi l-piena li ghaliha gie kkundannat hija bla ebda dubju piena li teccedi l-parametri stabbiliti fil-ligi. Anzi, l-piena inflitta turi b'mod car kemm l-Ewwel Qorti kellha f'mohha li kienet qed tikkundanna lill-appellant talli ma kienx irregistra d-dghajsa, u mhux talli ma kellux numri mwahhla, tant li applikat il-piena applikabbli ghai min ma jirregistrax dghajsa u mhux dik ikkontemplata fil-kaz ta' min ma jwahhalx in-numri.

Jekk wiehed ihares lejn ir-Regolamenti citati, partikolarment lejn it-Tielet Skeda, jirrizulta illi r-reat li dwaru nstab hati l-appellant jirreferi ghat-tielet multa elenkata f'din is-skeda, liema multa hija fl-ammont massimu ta' tlett mitt Ewro (€300), u hija indikata bil-kliem: *"Jekk il-bastiment zghir ma jkollu ebda marka ta' registrazzjoni".*

Illi ghai din ir-raguni jirrizulta b'mod car illi l-multa imposta mill-Ewwel Qorti hi multa li
tohrog mill-parametri tal-ligi u minn dak espressament stipulat fit-Tielet Skeda. Hi wkoll multa eccessiva stante' c-cirkostanzi partikolari tal-kaz u l-genwinita' tal-appellant.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Il-Qorti eżaminat id-dokumenti ppreżentati fl-atti fosthom ritratt ta' dgħajsa li tidher mingħar sewwieq ġo fiha u qrib ħafna ta' moll. Fuq din id-dgħajsa ma jidhrux numri jew ismijiet.

Mill-affidavit ta' PC 433 R.Mallia jirriżulta li fit-23 ta' Lulju 2011 għall-ħabta tas-16.15, waqt li kien xogħol mas-sur P.Pollacco, uffiċjal tat-Trasport Malta, kien innota ġewwa slipway f'Buġibba dgħajsa kbira fuq il-baħar. Id-dgħajsa kienet tal-appellant, li kien fqu il-post mad-dgħajsa. L-appellant stqarr li kien gaħdu kif xtara d-dgħajsa mill-Ingilterra u niżżilha biex jipprujvaha. Għalhekk ma kienx laħaq għamel il-karti neċessarji mat-Trasport Malta. L-opra kienet 'Phantom' ta' 28 pied b'żewġ muturi 300 ho. Ma kellha l-ebda isem fuqha ħleif sticker ta' EDOX (swiss watchers).

A fol 8 tidher applikazzjoni biex ikun irreġistrat vaput taħt il-Merchant Shipping Act.

Id-data tal-applikazzjoni hija 25 ta' Lulju 2011 u l-applikazzjoni kieent intiża sabiex l-appellant jirreġistra d-dgħajsa in kwistjoni.

Is-sentenza ngħatat fl-10 ta' Ottubru 2012 u l-appellant kien illiberat mit-tieni imputazzjoni u misjub ħati tal-ewwel imputazzjoni. (fol 10 u 11)

Il-Qorti semgħet lis-sur Patrick Pollacco jixhed. Huwa qal li kien ma' PC 433 fuq xogħol meta innutaw dgħajsa li kienet mingħajr marki. L-appellant kien qalilhom li kien għadu kif ġab id-dgħajsa u kien qed jippruvaha fil-post fejn twaqqaf. Il-marki li wriehom l-appellant ma kinux marki tar-reġistrazzjoni.

Fil-kontro-eżami x-xhud ikkonferma li d-dgħajsa kienet marbuta mal-moll, il-karru tagħha kien fuq is-slipway u l-appellant kien għadu ser jippruvaha.

Ikkonsidrat

Li skont is-subinċiż (2) tar-regolament 22 tal-Avviż Legali 183 tas-sena 2008 kif emendat:

'Persuna reġistrata bħala sid tal-bastiment żgħir għandha tiżgura li żmien tletin jum mid-data li fiha tkun bdiet isseħħ ir-reġistrazzjoni ta' dak il-bastiment żgħir, ikun hemm miżbugħ b'mod ċar jew imwaħħal fuq xi wiċċ fuq barra tal-bastiment żgħir fuq xi parti oħra tal-bastiment żgħir li tista' tiġi approvata mill-Awtorita', in-numru u l-marka tar-reġistrazzjoni, u li dawk il-marki jkunu f'kondizzjoni tajba u jiġġeddu kif ikun meħtieġ matul il-perjodu tar-reġistrazzjoni tal-bastiment żgħir.'

Skont ir-regolament 3 tal-istess Avviż Legali (S.L.499.52)

'Ebda vapur żgħir ma jista' jintuża fl-ibħra interni jew territorjali ta' Malta jekk tali vapur ma jkunx reġistrat mal-Awtorita skont dawn ir-regolamenti jew jekk tali vapuri żgħir ikun reġistrat skont il-'Merchant Shipping Act' jew taħt il-'Fisheries Conservation and Management Act' jew

sakmm il-vapur ikun reġistrat jew għandu d-dokumenti, b'mod li tkun soddisfatta l-Awtorita', skont il-liġi ta' pajjiż ieħor li ma jkunx Malta.'

Dan l-appell huwa bbażat fuq żewġ punti:

(1) Li l-piena kienet barra mill-parametri li tagħti l-liġi;

(2) Li l-akkuża ma kenitx tirriżulta.

Fuq l-ewwel punt kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiża li l-Iskeda Numru 3 tindika multa ta' €300 'if the small ship does not bear any registration markings.'

Għalhekk il-piena mogħtija ma kenitx dik indikata fil-Liġi.

Iżda d-difiża ssottomettiet ukoll li l-ewwel imputazzjoni ma tissustix minħabba li r-regolament jgħid espressament li biex tkun japplika dan ir-regolament, **il-vapur irid ikun irreġistrat. L-ewwel irid ikun irreġsitrat il-vapur u imbagħad wieħed jagħmel il-marki fuqu fi żmien tletin jum mir-reġistrazzjoni.**

F'dan il-każ, ir-reġistrazzjoni kienet għadha ma saritx. L-appellant kien akkużat bi ksur tar-regolament 3 tal-Avviż Legali 499.52 u l-Ewwel Qorti semmiet dan ir-regolament ukoll iżda dan ir-regolament huwa marbut mat-tieni imputazzjoni li minnha kien liberat l-appellant. Minn din il-liberazzjoni ma kienx hemm appell min-naħa tal-Avukat Ġenerali. Dwar l-ewwel imputazzjoni, il-Qorti illimitat ruħha għar-regolament 22(1) u 45 tal-Avviż Legali 499.52.

Mill-provi jirriżulta li r-reġistrazzjoni kienet għadha ma saritx.

Skont is-sentenza, l-appellant kien liberat mit-tieni imputazzjoni – jiġifieri minn sewqan bla ma qabel irreġistra d-dgħajsa tiegħu.

Isegwi li peress li l-appellant kien għadha ma rreġistrax id-dgħajsa, ir-regolament 22 dwar iż-żebgħa tal-marki ma

setax ikun applikat fil-konfront tal-appellant mingħajr ma tkun saret ir-reġistrazzjoni tad-dgħajsa qabel.

Konklużjoni

Għaldaqstant il-Qorti nnotat li l-piena ma kenitx dik indikata fil-liġi iżda waħda akbar kif ukoll li d-dgħajsa tal-appellant kienet għadha ma ġietx reġistrata. Isegwi li qed tilqa' l-appell, qed tirrevoka s-sejbien ta' ħtija tal-ewwel imputazzjoni kif ukoll kull piena li ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza mogħtija fl-ismjiet premessi fl-10 t'Ottubru 2012.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------